



C/2025/602

23.1.2025

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Kawża M.11877 – PGGM / INVESIS)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/602)

1. Fis-16 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- PGGM Vermogensbeheer B.V. ("PGGM", in-Netherlands), ikkontrollata minn PGGM Coöperatie U.A. (in-Netherlands),
- Invesis Group B.V. (iktar' il quddiem "Invesis", in-Netherlands), ikkontrollata minn Koninklijke BAM Groep N.V. (in-Netherlands) u PGGM.

PGGM se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Invesis kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

- PGGM huwa amministratur tal-pensjonijiet Olandiż. Fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn PGGM Coöperatie U.A., entità kooperattiva inkorporata fin-Netherlands li l-membri tagħha huma rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, tal-unions, tal-impjegaturi, tal-ħaddiema u tal-pensjonanti fis-settur tal-kura tas-saħħa u tal-assistenza soċjali. PGGM topera fuq livell globali,
- Invesis hija investitur Olandiż u żviluppatur ta' proġetti infrastrutturali. Il-proġetti tagħha jiffukaw fuq sħubijiet pubbliċi-privati (PPP) u jvarjaw minn toroq, ferroviji, infrastruttura tal-ilma u tal-baħar, mini u pontijiet, skejjel u bini tal-gvern. Hija attiva prinċipalment fin-Netherlands, fir-Renju Unit, fl-Irlanda, fil-Ġermanja u fil-Belġju u għandha wkoll attivitajiet limitati barra miż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi<sup>(2)</sup> għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11877 – PGGM / INVESIS

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---